

*Intervenjenti, insostenn tal-kovenut: Ir-Repubblika tal-Latvija (rappreżentant: K. Pommere, aġent), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u A. Steiblytė, aġenti)*

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ECB/SSM/2016 — 529900WIP0INF-DAWTJ81/1 WOANCA-2016-0005 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tat-3 ta' Marzu 2016 adottata bis-saħħa tal-Artikolu 4 (1)(a) u tal-Artikolu 14(5) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63).

### Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.
- 2) Trasta Komercbanka AS u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.
- 3) Ir-Repubblika tal-Latvija u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 270, 25.7.2016.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2021 – Proodeftiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-271/19) (<sup>1</sup>)

(“*Għajnuna mill-Istat – Rikorrent waqaf iwieġeb għat-talbiet tal-Qorti Ġenerali – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*”)

(2022/C 24/46)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

### Partijiet

Rikorrent: Proodeftiki ATE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: M. Panagopoulou, avukata)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouchagiar u L. Haasbeek, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenut: ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: K. Boskovits), Aftokinitodromos Kentrikis Elladas AE Parachorisis (Odos Kentrikis Elladas AE) (Lamia, il-Greċja) (rappreżentanti: E. Bourtzalas u A. Kedikoglou, avukati)*

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni C(2018) 6717 final tad-19 ta' Ottubru 2018, dwar l-għajnuna mill-Istat SA 50233 (2018/N) — Greċja, li tiddikjara l-għajnuna mill-Istat mogħtija mir-Repubblika Ellenika lil Aftokinitodromos Kentrikis Elladas AE Parachorisis (Odos Kentrikis Elladas AE) għall-bini tal-parti Lamia-Xyniada tal-awtostrada E65, kompatibbli mas-suq intern.

### Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fir-rigward ta' dan ir-rikors.

- 2) Proodeftiki ATE għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn Aftokinitodromos Kentrikis Elladas AE Parachoris (Odos Kentrikis Elladas AE).
- 3) Ir-Repubblika Ellenika għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 220, 1.7.2019.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Novembru 2021 – ZU vs SEAE

(Kawża T-689/19) (<sup>1</sup>)

*("Rikors għal annullament u għad-danni – Servizz pubbliku – Uffiċjali – Persunal tal-Kummissjoni fis-servizz mas-SEAE – Talba għar-rimbors tal-ispejjeż ta' missjoni – Talba għal assistenza – Ċaħda – Kompetenza tal-awtur tal-att – Delega ta' poteri – Proċedura prekontenzju – Indikazzjoni tal-konvenut – Inammissibbiltà parpjali – Princípjū ta' ġestjoni finanzjarja tajba – Użu ħażin ta' poter – Rikors parpjalm manifestament infondat fid-dritt")*

(2022/C 24/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: ZU (rappreżentant: C. Bernard-Glaz, avukat)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spáč, aġenti)

#### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tas-SEAE tat-30 ta' Novembru 2018 li tiċħad it-talbiet tar-rikorrent għar-rimbors ta' spejjeż għall-missionijiet u għal assistenza prevista fl-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u, sa fejn ikun meħtieġ, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Ġunju 2019 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent kontra d-deċiżjoni tas-SEAE msemmija iktar 'il fuq u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni allegatament imġarrba minnu.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikkors huwa miċħud.
- 2) ZU huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 423, 16.12.2019.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Novembru 2021 – Ardex vs EUIPO – Chen (ArtiX PAINTS)

(Kawża T-136/20) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Revoka tad-deċiżjoni kkontestata – Tmiem tas-suġġett tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")*

(2022/C 24/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: Ardex GmbH (Witten, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Becker, avukat)